C/2024/2092

8.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11394 – PFEIFER & LANGEN IHKG GROUP / RÜGENWALDER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2092)

1. Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pfeifer & Langen Industrie- und Handels-KG ('Pfeifer & Langen', il-Ġermanja),

— Rügenwalder Mühle Carl Müller GmbH & Co. KG u RM Vermögensverwaltungs GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem 'Rügenwalder', il-Ġermanja).

Pfeifer & Langen se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Rügenwalder.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Pfeifer & Langen hija attiva prinċipalment fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti industrijali u bl-imnut bħaz-zokkor, ikliet ħfief melħin, laħam u sostituti tal-ħut, kif ukoll xorb ġewwa u barra ż-ŻEE,

— Rügenwalder hija prinċipalment attiva fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' laħam ipproċessat u sostituti tal-laħam fiż-ŻEE u barra minnha.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [2], jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11394 – PFEIFER & LANGEN IHKG GROUP / RÜGENWALDER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË